MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 112/2003

**Customs and Freight Agency Limited**

**Vs**

**Cole Foods Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tmien mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm810.37c) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar in rigward ta' servizzi varji moghtija lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq rikjesta ta' l-istess socjeta' konvenuta a beneficcju taghha.

Ra r-Risposta ta' Cole Foods Limited li biha ecceppew li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili u tal-Artikolu 544(a) tal-Kodici tal-Kummerc. Illi t-talbiet huma f'kull kaz infondati fil-fatt u fil-ligi u l-ammont reklamat mhux dovut. Illi bla pregudizzju

ghall-eccezzjonijiet t’hawn fuq is-socjeta’ attrici ghandha tipprova dettaljatament il-pretenzjonijiet taghha. Illi f’kull kaz u bla pregudizzju l-ammont mitlub mhux dovut jew mhux dovut kollu anke minhabba li s-socjeta’ attrici hija debitrici lejn is-socjeta’ konvenuta f’ammont akbar minn dak pretiz billi s-socjeta’ attrici kienet ikkagunatilha danni meta naqset milli tikkonsenja xoghol fil-hin u kif miftiehem b’mod li jintilef il-bejgh u l-produzzjoni u inoltre, kienet waqghet u b’konsegwenzi distruggiet diversi palettes li kellhom jigu kkonsenjati *door to door*. Illi bla pregudizzju wkoll is-socjeta’ attrici qed tippretendi hlas ta’ partiti b’rati ghola minn dawk miftiehma.

Ra l-Affidavit ta’ Kevin Attard u d-dokumenti minnu esebiti.

Ra d-dokumenti esebiti fl-atti, kif ukoll sema’ x-xhieda in kontro-ezami ta’ Kevin Attard u ta’ Kenneth Cole ghas-socjeta’ konvenuta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qieghda titlob il-hlas ta’ ammont ta’ tmien mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm810.37c) kif ser jinghad;

1. Tlett mitt lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm300.25c) bhala bilanc ta’ somma akbar ta’ invoice 1651578 li hareg fil-21 ta’ Gunju, 1996 fl-ammont ta’ disa’ mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm979.25c). Fuq dan l-invoice saru erba’ pagamenti f’Settembru 2001 u minnu baqa’ bilanc ta’ tlett mitt lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm300.25c). L-invoice originali ma giex esebit izda mix-xhieda ta’ Kevin Attard jirrizulta li dan l-ammont jirrapprezenta depozitu ta’ dazju, cjoe’ hlas fuq ‘Euro1 deposit’ li sar mis-socjeta’ attrici ghall-beneficcju tas-socjeta’ konvenuta u nonostante diversi weghdiet, is-socjeta’ konvenuta hallset biss parti minnu kif fuq inghad.

2. Erba’ mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm429.21c) rapprezentanti sensiela ta’ invoices li hargu bejn Jannar u Settembru 2000 (vide dokumenti A sa L a fol 21 sa 32 tal-process) li jirrigwardaw *customs documentation* fir-rigward ta’ konsenji varji ta’ xoghol. Minn dawn l-invoices is-socjeta’ attrici tghid li s-socjeta’ konvenuta ma hallset xejn.

3. Tmenin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm80.91c) rigwardanti invoices li hargu bejn il-5 ta’ Frar, 2001 u t-22 ta’ Frar, 2001 li huma korroborati bid-dokumenti M, N, O u P esebiti a fol 33 sa 36 tal-process li wkoll jirreferu ghall-*customs documentation* u anke applikazzjoni ghall-esenzjoni ta’ dazju mhallsin a beneficcju tas-socjeta’ konvenuta.

Fuq kontro-ezami Kevin Attard ikkonferma li minbarra din il-kawza bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta, hemm kawza ohra kontra *sister company* tas-socjeta’ konvenuta, cjoe’ l-kumpanija H. P. Cole Limited u din il-kawza l-ohra huwa fuq ammont superjuri ghal dak li jaqa’ fil-kompetenza ta’ dan it-Tribunal. Huwa spjega li fil-fatt fil-kawza l-ohra qieghed jintalab l-ammont ta’ erba t’elef disa’ mija w erba’ liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm4,904.73c).

Sussegwentement is-socjeta’ attrici esebiet prospett li jkopri kemm l-invoices u pagamenti mertu ta’ dan il-kawza kif ukoll l-invoices u pagamenti mertu tal-kawza kontra l-H. P. Cole Limited li minnu jidher li l-ammont totali mitlub huwa ta’ hames t’elef seba’ mija u hmistax-il lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm5,715.10c) u minn ezami ta’ l-istess statement it-Tribunal jinnota illi erba t’elef disa’ mija w erba’ liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm4,904.73c) jirrigwardaw il-pretenzjonijiet fil-konfront tal-H. P. Cole Limited u tmien mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm810.37c) jirrigwardaw il-pretenzjonijiet fil-kawza odjerna.

Illi Kenneth Cole ghas-socjeta’ konvenuta esebixxa prospett fit-3 ta’ Gunju, 2004 liema prospett jindika parti mill-invoices mertu tal-kawza kif ukoll l-erba’ pagamenti li

saru fil-konfront tad-dokument A fuq imsemmi, izda ma jkoprix l-invoices kollha. Inoltre, f'dan il-prospett hemm ukoll partiti ohra li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kawza odjerna.

Kenneth Cole anke xehed li fil-fatt hu jikkontendi illi kieku jsiru l-konteggi sew, l-ammont proprjament dovut huwa ta' erba' mitt lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm400.12c) izda anke dan l-ammont mhux dovut minhabba ragunijiet ohra, izda t-Tribunal jidhirlu illi mix-xhieda u dokumenti esebiti fir-rigward tal-mertu, apparti kwistjonijiet ohra li ser jigu trattati 'l quddiem f'din is-sentenza, l-ammont kif mitlub mis-socjeta' attrici jirrizulta li ghadu dovut.

It-Tribunal issa jghaddi biex jezamina l-eccezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni. Gew citati l-Artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili u 544(a) tal-Kodici tal-Kummerc.

L-Artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili jirrigwarda l-azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-bahar imsemmijin fl-Artikoli 1628 sa 1631 tal-Kodici Civili ghall-hlas tal-kirjiet jew tal-pagi taghhom.

Mill-provi prodotti mis-socjeta' attrici jirrizulta li l-ammont minnhom mitlub ma jirrapprezentax la kirjiet u lanqas pagi. Minn ezami tad-dokumentazzjoni tax-xhieda prodotti jirrizulta li fil-fatt l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirrapprezenta pagament ta' dazju ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, hlasijiet relattivi ghall-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni ghall-finijiet ta' dwana u kif ukoll talba sabiex ikun hemm esenzjoni mill-hlas tad-dazju. L-ebda wahda minn dawn il-partiti ma tista' tigi kklassifikata bhala "kirja jew paga". Illi ghalhekk, l-Artikolu 2147(d) ma japplikax ghall-kaz odjern u din l-eccezzjoni qieghda tigi respinta.

Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni bbazata fuq l-Artikolu 544(a) tal-Kodici tal-Kummerc din tirrigwarda talba ghall-hlas ta' freight. Kif gja ntqal aktar 'il fuq, fil-kawza odjerna m'huwiex qed jintalab freight u konsegwentement lanqas dan l-Artikolu ma japplika ghall-kaz odjern u

konsegwentement anke din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Is-socjeta' konvenuta tikkontendi illi l-ammont mitlub jirrapprezenta hlas ta' partiti b'rati ghola minn dawk miftiehma izda mill-provi prodotti mis-socjeta' konvenuta ma jirrizulta l-ebda kontestazzjoni fuq ammont u l-unika kontestazzjoni li saret hija fir-Risposta. Mix-xhieda ta' Kenneth Cole ma jissemma xejn dwar ir-rati u lanqas ma sar l-icken accenn dwar dan fix-xhieda jew kontro-ezami tax-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qieghda tigi respinta.

Jibqa' biex jigi kkunsidrat l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fejn qed tallega illi l-ammont mitlub m'huwiex dovut jew mhux dovut kollu minhabba li qed jigi allegat li s-socjeta' attrici hija debitrici tas-socjeta' konvenuta. Mix-xhieda ta' Kenneth Cole fil-fatt huwa jsostni illi fil-kors tan-negozju bejniethom, is-socjeta' konvenuta sofriet danni b'rizultat ta' l-agir o meno tas-socjeta' attrici f'ammont ta' sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000). Illi apparti illi kontestazzjoni simili certament jesorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal, dan it-Tribunal jirrileva illi semplici asserzjoni minn xhud dwar dan ma tikkostitwix tpacija li tista' tigi ammessa f'proceduri bhal dawn. Inoltre, semplici xhieda mill-konvenut fuq dan l-aspett m'hijiex bizzejjed biex tissodisfa l-kweziti biex topera t-tpacija legali. Ma jirrizultax li l-ammont minnu msemmi huwa debitu, likwidu u dovut u wisq anqas li huwa ammess mis-socjeta' attrici u konsegwentement anke din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda. Ghal kull buon fini t-Tribunal pero' qieghed jirriserva favur l-istess socjeta' konvenuta kwalsijasi drittijiet fir-rigward *si et quatenus*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, bir-riserva fuq espressa dwar kwalsijasi pretenzjonijiet mis-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjeta' attrici, qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' tmien mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm810.37c) bl-interessi mill-24 ta' Settembru, 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------